# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002

Citazzjoni numru 1147/98 AJM

Kawza numru 39

Daphne Caruana Galizia

Vs

Joseph Muscat u Malta Labour Party sive Partit Laburista.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-27 ta' Mejju 1998 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut Joseph Muscat huwa l-awtur ta' ktieb bl-isem **Roberto Memmo : l-iskandlu ta' Chambray** mahrug u ppubblikat mill-konvenut l-iehor il-Malta Labour Party sive Partit Laburista bhala parti mis-sensiela kotba socjalisti, liema ktieb gie stampat u mqassam lokalment f'din is-sena 1998 kif jidher mil-kopja tieghu ezebita animo ritirandi Dok A; illi fuq il-qoxra ta' wara ta' l-istess ktieb fin-naha t'isfel stampat b'tipa sewda fuq l-isfar b'mod prominenti hemm il-kliem: "Fil-ktieb Roberto memmo : l-iskandlu ta' Chambray hemm taghrif gdid dwar il-qarnita ta' nies hajjiena li jghinu fil-hasil tal-flus

mahmugin gejjin mill-bejgh illegali tad-drogi, mill-kuntrabandu tas-sigaretti u minn negozju oskur tieghu. F'din il-qarnita jissemma' bhala seba' ewlieni l-Avukat Roberto Memmo li gie Malta biex jikseb taht idejh, u x'aktarx f'isem haddiehor, il-Forti Chambray ta' Ghawdex." Illi fl-istess ktieb bejn il-pagni 32 u 33 hemm diversi itratti bil-kulur, fosthom wiehed tal-attrici bil-kliem taht l-istess itratt li l-attrici hija kontra li jigi kritikat Memmo; illi fil-pagna 60 ta' l-istess ktieb bhala parti minn Chapter 3 - L-Ghanqbuta ta' Roberto Memmo f'Malta hemm zewg paragrafi fuq l-attrici li jaghtu l-impressjoni li l-attrici ghandha interess personali li tiddifendi lil Roberto Memmo u li konsegwentement taghmel parti mill-ghanqbuta, jew ahjar bhala parti mis-swaba tal-qarnita li taghha Roberto Memmo huwa s-seba' ewlieni b'konnessjoni mal-Mafia u l-Loggia P2; illi l-attrici ma ghandha assolutament xejn x'taqsam ma Roberto Memmo u ghalhekk l-inkluzjoni ta' isimha bir-ritratt taghha fl-istess ktieb kif ukoll il-kliem kollu li hemm fuqha, fuq dak li setghet kitbet bhala gurnalista u l-allegazzjonijiet gratuwiti dwar dak li ma kitbitx imma messa kitbet hu ngurjuz, libelluz u malfamanti ghar-reputazzjoni ta' l-attrici bhala gurnalista u jikkawzawlha danni, inkwantu fost affarijiet ohra, jattribwulha fatti determinanti ta' assocjazzjonijiet mal-Mafia, mal-Loggia P2, mal-hasil tal-flus gejjin mil-bejgh ta' droga u kuntrabandu ta' sigaretti bl-iskop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni taghha u bl-iskop li jwaqqaha ghad-disprezz tal-pubbliku; illi konsegwentement l-attrici bhala parti offiza ghandha dritt ghad-danni taht il-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta; talbet li din il-Qorti:-

1. illi l-istess konvenuti, flimkien jew min minnhom, immalfamaw lill-attrici bil-ktieb Roberto Memmo : l-iskandlu ta' Chambray billi nkluduha fih bl-ghan li jtellfu r-reputazzjoni taghha;

2. konsewgntement tikkundannahom jew min minnhom, ihallsu lill-attrici dawk id-danni li jigu likwidati minn din il-Qorti ghal dan l-iskop a tenur tal-artikolu 28(1) tal-Kap 248.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fl-10 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. Fl-ewwel lok illi fil-konfront tal-Partit Laburista t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi l-ktieb imsemmi fic-citazzjoni ma huwiex pubblikat mill-Partit Laburista.
2. Illi f'kull kaz inkwantu diretta kontra l-Partit Laburista bhala "persuna" li pubblikat l-istess ktieb, it-talbiet attrici huma nfondati ukoll legalment u l-Partiti Laburista ghandu konsegwentement jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi l-azzjoni ghad-danni taht il-ligi ta' l-Istampa (Kap 248) tista titmexxa biss kontra l-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni biss jekk l-awtur tal-ktieb ma jkun xidentifikat jew identifikabbli.
3. Fil-mertu il-ktieb imsemmi mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attrici.
4. Il-kummenti tal-eccipjenti jikkonsistu f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament ta' l-awtur u huma 'fair comment'. L-eccipjenti ghandhom dritt jesprimu l-fehemiet u l-kritika taghhom dwar persunagg pubbliku u dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku liema dritt huwa rikonoxxut taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvneuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Jannar 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-21 ta' Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat is-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2000 meta gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Fl-1998 id-Dipartiment tat-Taghrif Partit Laburista bhala parti mill-gabra ta' pubblikazzjonijiet maghrufa bhala Sensiela Kotba Socjalisti, ippubblika ktejjeb bl-isem Roberto Memmo L-Iskandlu ta' Chambray ricerkat u miktub minn Joseph Muscat. Kif jidher mid-Dahla ghall-istess ktieb (fol 6) "*Dan il-ktieb huwa tentattiv biex wiehed isir jaf aktar kemm dwar Memmo kif ukoll dwar il-kaz ta' Chambray. Jibda billi jinghata profil ta' Roberto Memmo u tal-ghaqda li gie ccertifikat li kien jaghmelparti minnha, jigifieri l-Logga tal-P2. Wara tinghata harsa lejn Forti Chambray kemm mil-lat storiku kemm mil-lat tal-grajjiet li wasslu biex Memmo ha f'idejh dan il-Forti u x'gara s'issa. Dan ikun segwit minn spjegazzjoni* ***ta' min u kif huwa jista' jkun imdahhal mat-Taljan f'pajjizna u l-konflitt ta' interessi li seta kien hemm dwar dan kollu.......*** *"* (enfazi tal-Qorti).

Il-grajja ta' l-Avukat Memmo tohdna lura ghas-16 ta' Dicembru 1992 meta il-Gvern Nazzjonalista ta' dak iz-zmien kien ressaq mozzjoni fil-Parlament biex il-Kamra tapprova l-ghoti b'cens temporanju ghall-99 sena tal-Forti Chambray u l-art ta' madwaru lil kumpanija Fort Chambray Limited. Din il-kumpanija kellha bhala azzjonisti lill-Avukat Memmo fil-51% u lil Gvern ta' Malta (tramite il-Mimcol) fil-bqija tal-ishma.

Skond rapport ta' Dr. Edgar Mizzi, kummissjonat mill-Partit Laborista li dak iz-zmien kien fil-Gvern, u ppresentat f'Awissu 1997, l-akkuza principali li kienet saret mill-Partit Laburista ghal din il-koncessjoni kienet "*li l-Forti Chambray u l-art li tmiss mieghu f'Ghajnsielem, Ghawdex, b'kollox madwar 90 tomna, inghataw mill-Gvern lill-persuni privati mhux biss* ***minghajr sejha ghall-offerti imma b'kundizzjonijiet li gew deskritti bhala 'redikoli' ".*** Skond l-istess rapport ta' Dr. Mizzi jidher li kien hemm diversi ragunijiet ohra ta' ilment ghal din il-koncessjoni mressqa mill-Partit Laborista, fosthom dik li tirrigwarda il-persuna li kellha l-kontroll effettiv tal-progett u cioe l-Avukat Memmo li gie allegat li ma kienx bniedem ta' sustanza bizzejjed biex jwettaq il-progett, kien spekulatur u minhabba l-assocjazzjoni tieghu mal-Logga Massonika P2.

Din il-pubblikazzjoni ghalhekk, kif jinghad fir-riassunt fuq il-qoxra ta' warra, tipprovdi "*tgharif gdid dwar il-****qarnita ta' nies hajjiena li jghinu fil-hasil tal-flus mahmugin mill-bejgh illegali tad-drogi, mill-kuntrabandu tas-sigaretti u minn negozju oskur iehor......"***

L-attrici sabet ruhha f'din il-pubblikazzjoni billi gie riprodott ritratt taghha bil-kliem tahtu li jghidu "Daphne Caruana Galizia, habiba ta' Richard Cachia Caruana u zewgha u Andrew Borg Cardona jahdmu fl-istess ufficcju: **kontra li jigi kkritikat Memmo.**" Inoltre fil-pagni 60 u

61 ta' din il-pubblikazzjoni f'zewg paragrafi intestati DAPHNE CARUANA GALIZIA jinghad hekk "*Fit-23 ta' April 1998, is-sinjura Daphne Caruana Galizia kixfet idejha* <u>*aktar*</u> *meta ghogobha tohrog tiddifendi lil Roberto Memmo fil-Malta Indipendent. Hija qalet li dak li nkitebfil-gurnali maltin ma kienx imnebbah mill-idealizmu jew mis-safa tal-erwieh. Minn fuq, qalet li hemm xi politici Maltin li ma ntebhux li qed jigu wzati ghax webbluhom li fin-nofs hemm l-interessi tal-moralita' tal-gid komuni. Li nsiet issemmi kien il-hmieg kollu misjub minn investigaturi barranin madwar Memmo u l-ghanqbuta li ntisget f'Malta biex taqdih mill-koxxa."*
*"Is-sinjura Caruana Galizia ma semmiet xejn dwar il-pressjoni li s-Sur Richard Cachia Caruana ghamel fuq gurnalisti tal-Malta Indipendent talli kitbu dwar l-intricci ta' Roberto Memmo fic-crieki internazzjonali. Lanqas ma semmiet l-impatt li l-pressjoni ta' Cachia Caruana kellha dwar Memmo u l-konnessjonijiet ta' Memmo mal-Mafjuzi fil-Malta Independent izda, minflok, Dun Noel Grima beda jikteb editorjali biex inaqqsu l-impatt ta' l-istejjer li kienu ga dehru fl-istess gurnal. L-influwenza ta' Richard Cachia Caruana nhasset sew f'dawn l-editorjali u f'editorjali ohra."*

L-artikolu tat-12 ta' April 1998 li minhabba fih, allegatament, l-attrici sabet post fil-pubblikazzjoni in kwistjoni, jibda billi l-attrici tirrakkonta esperjenza sabieha li kellha f'mawra recenti f'Ruma meta marret tivvista esposizzjoni ta' arti egizzjana fil-Palazzo Ruspoli, ta' Ruma. L-awtrici tkompli tghid li din l-esposizzjoni kienet ittellghat mill-Fondazione Memmo ta' Roberto Memmo involut fil-kwistjoni lokali ta' Chambray bil-partecipazzjoni ta' diversi entitajiet kulturali internazzjonali ta' fama kbira, li skond l-awtrici, ma jidhirx li sabu oggezzjoni li jkunu imsiehba ma dan il-personagg.

Wara din l-introduzzjoni l-awtrici tidhol fix-xena maltija u tesprimi l-kosternazzjoni taghha li l-kritika lokali fir-rigward tal-kuntratt ta' Forti Chambray kienet aktar marbuta mal-partecipazzjoni ta' dan Memmo fil-Logga P2 milli mal vera raguni ta' ilment u cioe l-kundizzjonijiet vantagguzzi li bihom il-kuntratt kien inghata. Infatti hija tghid li meta dawn saru maghrufin, (u cioe fl-1992) hija kienet esprimiet id-dizappunt assolut taghha. Wara dan l-awtrici taghmel xi osservazzjoni fuq ix-xena politika lokali.

Minn dan kollu jidher li l-attrici filwaqt li esprimiet opinioni, kif kellha kull dritt li taghmel, sabet ruhha f'pubblikazzjoni li l-iskop principali taghha kienet li tikxef l-"*malavita*" li kienet tirrivolvi madwar l-Avukat Memmo, il-konnessjonijiet tieghu mal-Mafja, u sahansitra mal-kriminalita' organizzata sew fl-Italia kif ukoll fl-esteru. L-attrici tissemma fil-Kapitolu tlieta tal-ktieb li jitratta dwar "*L-Ghanqbuta ta' Roberto Memmo f'Malta."* L-attrici ssostni li hija la taf lill-Memmo, la kienet involuta f'xi negozjati, u lanqas ma ghandha xi '*relazzjonijiet'* mal-persuni imsemmija fil-ktieb. Kien ghalhekk li l-attrici hassitha ngurjata u fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2001 qalet ir-raguni ta' dawn il-proceduri meta esprimiet ruhha hekk "*Jien qed nghid, u fuq din hi l-kawza kollha, li ma tistax taqbad isem bniedem u r-ritratt tieghu u tqieghdu go ktieb dwar haga li m'ghandux x'jaqsam xejn, m'ghandux dritt* (b'referenza ghal konvenut).

Fil-fehma ta' din il-Qorti din s-"*sottomissjoni"* ta' l-attrici bhala bazi ghall-ingurja u konsegwenti kawza, hija fondata. Il-konvenut Muscat ghandu kull dritt sancit mill-Kostituzzjoni (artikolu 41) u l-Konvenzjoni Ewropea (artikolu 10) li jesprimi ruhu minghajr indhil salv li dan isir b'rispett tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor.

Fil-verita' din il-Qorti thoss li dak li inkiteb dwar l-attrici u sahansitra r-ritratt taghha bil-kliem li jinsab tahtu, ma huwiex libelluz, per se. In fatti l-awtur qed jirraporta '*in parte'* dak li kitbet l-attrici fil-gazzetta imsemmija. Izda li, f'pubblikazzjoni li titratta dwar mafja u kriminalita organizzata, issemmi persuna u sahansitra poggi ritratt taghha u takkuzaha bi dnub ta' "*ommissjoni"* billi tghid li din il-persuna mhux qed tghid kollox jew li ma tridx li tigi kritikata l-"*persuna"* mertu tal-pubblikazzjoni u l-oggetti tal-akkuzi serji li qed isiru kontra din il-persuna, ma tistax hlief tnissel f'mohh il-qarrej l-ezistenza ta' konnessjoni stretta bejn r-reati addebitati lil dik il-persuna u l-assocjazzjoni taghha ma' assocjazzjoni allegatament kriminuza ma dik il-persuna li tissemma fil-ktieb. Wara kollox l-ktieb jittratta in parti dwar mafja u kullhadd jaf li wiehed mill-principji basici ta' din l-assocjazzjoni hija l-*"omerta'"* u cioe is-silenzju fuq dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-istess assocjazzjoni. Ghalhekk huwa facli li wiehed jassocja l-akkuza li qed issir kontra l-attrici u cioe li ma qaltix kollox dwar "*il-hmieg kollu misjub minn investigaturi barranin madwar Memmo u l-ghanqbuta li ntisget f'Malta biex taqdih mill-koxxa"* ma affiljazzjoni ta' l-attrici ma' tali organizzazzjoni kriminuza jew simpatija taghha mal-istess.

Illi huwa fatt maghruf li l-fehmiet politici ta' l-attrici huma in konflitt ma dawk tal-awtur tal-ktejjeb, il-konvenut Joseph Muscat u tal-partit politiku responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Infatti l-attrici tikkontribwixxi regolarment artikoli f'gazzetti lokali fejn tesprimi opinjonijiet in kontrast ma' principji laburisti. Dan ghandha kull dritt li taghmlu kif ghandhom kull dritt persuni mill-kamp politiku avvers li ma jaqblux maghha u sahansitra jikkritikawha. Din hija l-bazi ta' demokrazija. Izda mhux korrett li tuza pubblikazzjoni politika fuq suggett skabruz u b'accenni ghal kriminalita' organizzata biex tpoggi lil dak li jkun ta' opinjoni politika

kuntrarja f'dawl ikrah. Dan qed jinghad billi jidher li l-iskop ta' l-awtur tal-ktejjeb in kwistjoni kien specifiku. Infatti fix-xhieda li ta' Joseph Muscat fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2001 qal hekk: "*Issa, fil-fehma tieghi biex naghti forsi l-background, fil-fehma tieghi u ta' hafna ohrajn ghaliex wasalt u fejn semmejt u f'liema kuntest semmejt lis-Sinjura Caruana Galizia, fil-fehma tieghi u ta' hafna ohrajn, (*ripetizzjoni b'enfazi tax-xhud), *is-Sinjura Caruana Galizia hafna drabi serviet biex b'xi mod iccekken kontroversji li jistghu jew li jitfghu anzi dell ikrah fuq il-Partit Nazzjonalista u serviet ukoll biex tkabbar kontroversji illi b'xi mod jitfghu dell ikrah fuq il-Partit Laburista."*

Din id-dikjarazzjoni ta' Joseph Muscat turi l-animu li mmotiva d-decizzjoni tieghu li jdahhal lill-attrici fil-ktejjeb in kwistjoni. Ma kienx motivat mid-dritt ta' risposta jew tficcija tal-verita' izda ghamel dan bi tpattija ghal dak li l-attrici, skond hu, hija kapaci taghmel. B'hekk semmija f'pubblikazzjoni li ma tistax hlief titfa dell ikrah fuq l-attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib li bl-inserzjoni ta' isem l-attrici fil-ktejjeb intitolat "Roberto Memmo l-Iskandlu ta' Chambray" kif ukoll b'dak li gie allegat fil-konfront taghha, il-konvenut Joseph Muscat immalafama lill-attrici.

Illi fir-rigward tal-konvenut l-iehor u cioe il-Partit Laburista, din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghas-sentenza preliminari taghha tas-17 ta' Marzu 2000, tiddikjara l-istess Partit Laburista responsabbli ta' Malafama fil-konfront tal-attrici u dana billi kien l-istess partit li stampa r-ritratt tal-attrici fl-imsemmi ktieb u kien ukoll l-istess partit responsabbli ghall-kitba li tinsab "in calce" tal-istess ritratt. Ghalhekk ghar-ragunijiet

fuq moghtija ssib lill-istess konvenut Partit Laburista hati ta' malafama fil-konfront tal-attrici.

Illi l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li fil-kaz ta' malafama intiza biex ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili tista' taghti lill-persuna offiza somma mhux izjed minn hamest elef lira maltin. Il-likwidazzjoni tas-somma akkordata hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li, naturalment, trid tiehu n-konsiderazzjoni l-gravita' tal-kaz li jkun quddiemha. Issa fil-kaz in ezami, kif gja inghad fuq, l-attrici qed tigi "assocjata" mal-mafja u dak kollu li din l-assocjazzjoni timporta jew tfisser. L-attrici hija persuna li tikteb regolarment fil-gazzetti u li ghalhekk, forsi aktar minn haddiehor, trid li l-kredibilita' taghha ma tkunx mtifsa sabiex dak li jkun qed jaqra l-artikoli taghha ma jkunx pregudikat 'a priori' u b'hekk dak li tkun qed tghid jew ma jinqarax jew ma jkollux l-impetus rikjest. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti d-dannu kawzat lill-attrici bil-kitba fuq imsemmija huwa wiehed serju u ghalhekk sejra tillikwida kumpens fl-ammont ta' LM1,000 li ghandu jigi apporzjonat u mhallas nofskull wiehed bejn il-konvenuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici billi tidkjara li l-attrici giet malafamata bil-pubblikazzjoni imsemmija fic-citazzjoni u dan fil-kuntest imsemmi hawn fuq, tillikwida l-kumpens dovut lill-attrici fis-somma ta' elf lira maltin (LM1000) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici din is-somma fi kwoti ugwali billi l-konvenut Joseph Muscat jhallas is-somma ta' hames mitt lira (LM500) u l-konvenut Partit Laburista jhallas lill-attrici s-somma ta' hames mitt lira (LM500), bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.